MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 566/2013

Appell Nru: 566/2013

Il-Pulizija

Spettur Joseph Agius

Spettur Louise Vella

Vs

***Omissis***

Illum, 5 ta' Gunju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Anthony Gafa', detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 106379M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Ġewwa l-Ħamrun, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2007 u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnhu wkoll jekk if żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'eghmil żieni, ikkorrompa lill-persuna taht l-eta' u cioe' lil ***Omissis***, minuri ta' hmistax il-sena, liema minuri ġiet fdata lilu sabiex jiehu hsiebha jew jindukrha jew iżommha;
2) Minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess ***Omissis***, kontra l-volonta' taghha sabiex bhala mara igieghla taghmel jew toqod ghal xi haġa li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Il-Qorti ġiet mitluba illi tapplika l-provvedimenti tal-ligi a terminu tal-artikolu 412C et seq tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta' protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi ta' membru domestiku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fid-29 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti, iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni akkuża, u cioe' dik ta' minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazjijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha li jarresta l-hati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess ***Omissis***, kontra l-volonta' taghha sabiex bhala mara igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haġa li toffendi l-misthija tas-sess taghha; u
2. Thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel akkuża, u cioe' dik li b'ghemil żieni, (15)-il sena liema minuri ġiet fdata lilu sabiex jiehu hsiebha jew jindukrha jew iżommha, u minflok issib lill-appellat hati ta' din l-akkuza u konsegwentament tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi fid-9 ta' Dicembru 2013 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghalijha.

Illi f`dan il-kuntest l-aggravju ta` l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat u dana stante li minn ezami akkurat ta` l-atti processwali, jirrizulta b`mod car li l-verzjoni tal-minuri dwar l-akkadut mhux biss hija verosimili u kredibbli, izda hija verzjoni li l-minuri invarjabbilment tenniet b`mod konsistenti. Dwar it-tieni akkuza u cioe` dik ta` l-arrest illegali tal-minuri, baqghet tghid li ***Omissis*** qatt ma zamma kontra l-volonta taghha ghax hi stqarret li kienet titlaq minn hdejh sabiex dawn l-atti li kienu qed isiru quddiema jiefqu u ghaldaqstant m`huwiex kontestat il-fatt li l-appellat jigi illiberat mit-tieni akkuza migjuba kontrih. Fil-fatt, u skans kull ekwivoku, jigi mmedjatament rilevat li dan l-appell jitratta biss l-ewwel imputazzjoni; dwar it-tieni mputazzjoni fil-fatt ser tintalab il-konferma tal-liberatorja.

Dwar l-ewwel akkuza u car li ***Omissis*** b`ghemil zieni, ikkorrompa lill ***Omissis*** meta kienet taht l-eta` jidher car li l-minuri ma kelliex ghalfejn tivvinta dan u infatti hi tispjega car kif ghal sentejn shah l-appellat ***Omissis***` baqa jippersisti sabiex ***Omissis*** tippartecipa mieghu billi tara pornografija kif ukoll tkompli mieghu f`atti intimi.

Illi dan ukoll jidher bic-car mill-fatt li kemm il-vittma kif ukoll omm il-vittma ***Omissis*** jikkonfermaw bil-gurament illi ***Omissis*** kien kapaci juza il-computer minghajr l-ghajnuna ta` hadd u ghalhekk il-verzjoni li ta` ***Omissis*** fix-xhieda tieghu meta qal illi meta kienu jitilghu il-pop ups ma kienx jaf inehhijom u ghalhekk kien jghajjat ghall-assistenza ta` ***Omissis*** ma tregiex. Dan ghaliex ukoll jinghad illi meta ***Omissis*** kienet tohrog u tidhol lura d-dar kienet issib diga` lil ***Omissis*** fuq il-computer u ghalhekk dan jikkonferma li l-unika skop li l-appellat kien jghajjat lil vittma kien dak sabiex tippartecipa f`ghemil zieni mieghu u biex jissodisfa il-pjaciri tieghu ulterjorment.

Illi r-raguni li ta l-appellat l-ghalfejn kien imur jorqod fis-sodda ta` ***Omissis*** meta filwaqt li suppost kien ikun qed jorqod fejn martu ***Omissis*** mhux sufficenti biex titwemmen lanqas sal-grad tal-probabbli. Dan ghaliex jekk martu kienet tonhor hafna u ghalhekk ma kinitx thallih jorqod, kif jghid hu, wiehed ragjonevolment jipretendi li kien ikun hemm ftehim minn qabel sabiex l-appellat ma jibqax jorqod hemm, izda mill-atti jirrizulta li ma kinitx xi konswetudni li l-appellat jorqod fil-kamra tal-minuri, **<u>izda</u>** li waqt li kulhadd ikun diga rieqed, kien imur baxx baxx fis-sodda tal-vittma li kienet sodda kbira ghal-persuna wahedha u joqghod imellisha. Dan ghalhekk juri li xejn ma jispjega l-fatt l-ghala kien jaghmel dan u iktar meta fix-xhieda tieghu stess huwa jikkonferma bil-gurament li r-relazzjoni ta` bejnu u ***Omissis*** ma kinitx wahda tajba u allura kif imbad imur jorqod fl-istess sodda maghha meta dawn hlief glied ma kienx ikollhom. L-inkonsistenza fix-xhieda tal-appellat tohrog cara f`dan ir-rigward ghax sahansitra qal lil martu ***Omissis*** li dan li qed jinghad fuqu minn ***Omissis*** kien qed jinghad biss minhabba li hi mhux bintu u m`ghandhomx relazzjoni tajba.

Illi ghalhekk il-fatt li ***Omissis***` fit-13 ta` Awissu tas-sena 2008 marret taghmel rapport l-ghassa tal-Hamrun fuq korruzjoni fuq minorenni ma jista` qatt jigi interpretat b`mod illi

omm il-vittma ghamlet dan minhabba li kienet fi proceduri ta` separazzjoni personali ma l-appellat ***Omissis***, ghax kien hu stess li snin qabel meta martu affacjatu b`dak li qaltilha l-gara taghha hu qalla li ***Omissis*** qed taghmel hekk ghax ma tridux u ghax mhux it-tifla tieghu u ghalhekk l-argument tas-separazzjoni ma jregiex, u dan ghax kien hafna zmien qabel meta ***Omissis*** ilmentat fuq dak li kien qed jigrilha. Il-fatt li r-rapport sar snin wara u fi zmien li kienet ghadejja s-separazzjoni personali bejn ***Omissis*** u ***Omissis*** ma jnaqqasx mill-gravita` tar-reat u ghandu jitfakkar li l-vittma ma kinitx l-omm izda ***Omissis*** li kienet minorenni. Tant il-biza taghha kienet kbira ghal dak li seta` jigri li lanqas biss qalet lil ommha ***Omissis*** izda fethet qalbha ma shabha u ghalhekk qatt ma setghet basret li l-kelma ser tasal ghand ommha. Dan ghalhekk juri li dak li donnu gie allegat mid-difiza, u cioe li ***Omissis*** ghamlet dan b`sens ta` ripikka kontra l-appellat ***Omissis*** kemm ghax ma kelliex relazzjoni tajba mieghu u/ jew ghax ommha kienet ghadejja minn proceduri ta` separazzjoni personali min mieghu, ma jregiex. Dan ghaliex kieku kien minnu kienet tmur direttament ghand ommha biex zgur tkun taf x`qed jigri u tiehu l-provvedimenti mehtiega bhala omm jew kienet tmur ghand il-Pulizija ferm qabel. Ghall-kuntrarju, l-fatti juru li l-minuri 'sempliciment' **fethet qalbha** ma` habiba ta` l-istess eta` li din min naha taghha nfurmat lil ommha. Kwindi, ***Omissis*** **qatt** ma ghamlet xi rapport jew ilment formali kontra l-appellat.

Illi fi-rigward tax-xhieda ta` ***Omissis*** meta mqabbla ma dik tal-minuri ***Omissis***, il-Qorti fis-sentenza taghha qalet li hemm dispkrepanza bejn it-tnejn. Ghalkemm huwa minnu li hemm xi diskrepanzi, wiehed irid izomm f`mohhu li dak li qalet ***Omissis*** fix-xhieda taghha ma kienx informazzjoni li semghet hi stess minghand ***Omissis*** izda diskors li hi semghet minghand bintha wara li ***Omissis*** fethet qalba maghha u ghalhekk qatt ma setghet tkun taf bil-preciz dak li verament qalet ***Omissis***. Ix-xhieda ta` ***Omissis*** qatt ma tista` tkun mija fil-mija konsistenti ma` dik ta` ***Omissis*** (apparti li hija detto del detto del detto) u ghalhekk il-Qorti ma kellha qatt tibbaza d-decizjoni taghha fuq dan ghax se mai kellha tieghu in konsiderazzjoni il-verzjoni li tat bint ***Omissis*** li semghet il-verzjoni direttament minghand il-vittma.

Illi kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ir-Repubblika ta` Malta vs John Borg, ppreseduta u deċiża mill-Prim Imħallef S. Camilleri, mill-Imhallef D. Scicluna u l-Imhallef Joseph Zammit Mc Keon nhar is-16 ta' Jannar 2013:

Illi l-artikolu dispożittiv li jirrigwarda xhieda fuq kliem ħaddieħor jinsab fl-artikolu 598 tas- COCP reż applikabbli bl-artikolu 645 tal-Kap. 9.

"Bħala prinċipju l-artikolu jgħid li l-Qorti ma tiħux qies ta' xhieda dwar fatti li x-xhud jgħid illi ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qallu ħaddieħor. Dana meta dan ilħaddieħor ikun jista` jinġieb bħala xhud fuq dawk il-fatti. Għal dan l-artikolu pero` hemm eċċezzjoni li jagħti deskrizzjoni skond iċ-ċirkostanzi lill-Qorti li tieħu qies kliem xiehda dwar fatti li x-xhud jgħid illi ġie jafhom mingħand ħaddieħor. L-artikolu in kwistjoni huwa 599 "li tippermetti xhieda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu ......."

"Il-Qorti tirrileva li dana huwa każ delikat ħafna ta' stupru li jinvolvi l-minuri, fejn l-unika persuna li tista` tixhed direttament fuq dak illi ġara hija l-minuri stess, tifla ta' ħdax-il sena, li mhux mistenni minnha li tifhem dak li qed jiġri wisq inqas li tirrakkonta eżattament dak illi ġralha.'

Illi ghalhekk kif irritjeniet ben tajjeb l-Onorabbli Qorti f`din is-sentenza moghtija fis-16 ta` Jannar 2013 l-unika persuna li tista` tixhed direttament fuq dak illi ġara hija l-minuri stess u ghalhekk ghalkemm ix-xhieda ta` terzi persuni taf titfa` dawl fuq l-akkadut, u bla dubju ghandha tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, il-qofol tax-xhieda ghandu jipperna fuq dik tal-minuri – li f`dan il-kaz bla ebda dubju kienet xhieda cara, verosimili, konsistenti u allura kredibbli. Jidher pero` li f`dan il-kaz in kwistjoni l-Onorabbli Qorti naqset milli taghti l-importanza mehtiega ghal dak li l-minuri konsistentament baqghet tirrepeti u fid-decizjoni taghha tad-29 ta` Novembru 2013 l-Onorabbli Qorti donnha tat ferm aktar importanza lil xhieda ohra, milli lill-minuri ! Kif diga` gie rilevat, ix-xhieda l-ohra ma setghu qatt ikun jafu ezattament x`gara peress li huma qatt ma kienu prezenti, kif ukoll li l-verzjoni meta ghaddiet minn persuna ghal ohra setghet inbidlet. Dan mhux in mala fede, izda huwa naturali li meta persuna 'A' tirrakonta lil persuna 'B', u l-persuna 'B' terga` tirrakonta dak li gara lil-persuna 'A' lil persuna 'C', bla ebda dubju li l-verzjoni li fl-ahhar taghti 'C' ma tkunx ezzattament identika ghal dik li tkun qalet 'A'. Pero` l-aktar persuna mportanti u cioe` l-vittma **bdiet b`verzjoni u spiccat bl-istess verzjoni**.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tal-elfejn u tmienja (2008) il-pulizija ircevew rapport u kwerela dwar abbuzi sesswali maghmula mill-appellat ***Omissis*** fuq minorenni ta' hmistax-il sena ***Omissis*** liema minuri kienet it-tifla ta' ***Omissis*** li min-naha taghha kienet mizzewwga lill-appellat u dan meta huma kienu jghixu fl-istess dar. Dan ir-rapport sar meta l-appellat u martu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u ezatt ftit granet wara li l-appellat kien sab ragel iehor rieqed fid-dar matrimonjali. ***Omissis*** allegat illi l-abbuz kien dam sejjer madwar sentejn meta hija kellha bejn hdax u tlettax-il sena u iddeskriviet sensila ta' abbuzi li wasslu lill-pulizija jixlu lill-appellat b'dawn l-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ordnat il-liberazzjoni tieghu. L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti interpretat hazin il-provi illi kellha quddiemha li kellhom iwasslu ghall-kredibilità ta' ***Omissis*** u kwindi ghall-htija fuq l-appellat.

Ikkunsidrat:

Kif inhu d-dmir taghha, din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti sabiex tara jekk kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jinghad mill-bidunett li tifhem id-diffikultà illi kellha l-ewwel Qorti peress li hawn si tratta

ta' zewg verzjonijiet illi t-tnejn setghu jkunu veritjieri meta tikkonsidra illi l-element tal-probabilità min-naha tad-Difiza u dak ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni ghan-naha tal-Prosekuzzjoni. L-ewwel Qorti irrealizzat din id-diffikultà u ghamlet espozizzjoni korretta tal-ligi li ghandha tintuza f'dawn ic-cirkostanzi u kif tikkonsidra l-fatti illi kellha quddiemha. Tajjeb ikkonkludiet illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Kif qalet il-Qorti Il-Pulizija versus Joseph Thorn, appell kriminali 9 ta' Lulju 2003 "... imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux ...". (ara ukoll "Ir-Repubblika ta' Malta versus Dennis Pandolfino et" 19 ta' Ottubru 2006). Kuntrarjament ghal din il-Qorti fi stadju ta' appell, l-ewwel Qorti kienet f'pozizzjoni illi taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu u jekk xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. L-istadju tal-appell ma jaghtix dan il-fakultà li min ser jiggudika dwar il-fatti. Dan ghaliex ikollu quddiemu biss il-karti u dokumenti u xhieda traskritta izda ma jkunx jista' jevalwa x-xhud li jkun qed jaghti d-depozizzjoni viva voce quddiemu. Dan huwa proprju illi gieghel lil Lord Chief Justice Widgery jghid in konnessjoni mal-kawza R. Vs Cooper (1969) "... assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal Court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned magistrate), because the jury would have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal Court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the Prosecution, evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the Court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara ukoll Il-Pulizija versus Jonathan Bonello, Appell Kriminali, 26 ta' Gunju 2007). Kien proprju f'dan l-animu illi l-kawza "Repubblika ta' Malta versus Ivan Gatt" deciza mill-Appell Kriminali fl-1 ta' Dicembru 1994 "fi kliem iehor l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi

emmnuta, u evidentement giet emmnuta ... il-funzjoni, anzi d-dover, ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."

Din il-Qorti segwiet ukoll l-argumenti tal-ewwel Qorti meta sabet ruhha b'zewg verzjonijiet kontradittorji u ghaliex emmnet il-verzjoni moghtija tal-appellat u mhux dik moghtija mill-kwerelanta. Dan huwa kaz fejn litteralment seta' mar kull naha u l-argumenti tal-Avukat Generali ghandhom il-piz u sustanza taghhom, fejn mehuda wahidhom, setghu jwasslu ghall-konvinciment morali ghall-htija tal-appellat. Imma f'process penali l-affarijiet ma jsirux hekk peress illi dejjem ghandek zewgt iqniepen u zewg verzjonijiet b'kriterji differenti ghall-aggudikazzjoni. Il-verzjoni moghtija mill-appellat fuq bazi ta' probabilità u dik moghtija mill-Prosekuzzjoni minghajr dubbju dettat mir-raguni. Minn dan jirrizulta illi l-piz tal-appellat mhuwiex daqshekk iebes daqs dak tal-Prosekuzzjoni fejn jista' twassal ghal success jekk il-verzjoni tkun aktarx veritjiera milli le.

Evidentement l-ewwel Qorti wara illi uzat id-diskrezzjoni taghha bil-bon sens u l-gherf taghha waslet ghall-konkluzjoni illi l-verzjoni moghtija mill-appellat x'aktarx hija veritjiera. Dana ma qalitux leggerment izda ghamlet ukoll l-argumenti u ragunijiet taghha ghaliex waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet. Ta' massima importanza l-komportament tal-kwerelanta fuq il-pedana tax-xhud kif ukoll fil-konfront tar-relazzjoni familjari illi kien hemm bejnha u bejn l-appellat. Il-process quddiem l-ewwel Qorti kien wiehed metikoluz, ordnat, u skont il-ligi. U din il-Qorti wara li evaluwat il-provi m'ghandhiex dak "a lurking doubt as to whether an injustice may have been done ..." U lanqas ma rrizultalha li gie vjolat xi principju li minnhom tgawdi l-kwerelanta. Il-Prosekuzzjoni min-naha taghha ghamlet ix-xoghol taghha sew u gabet il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz kien jimmerita u li ma halliet barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu kienet importanti (ara artikolu 638(1)). L-ewwel Qorti kellha l-istampa kollha quddiemha, ghamlet l-evalwazzjoni taghha u waslet ghall-konkluzjoni illi kellha tillibera lill-appellat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. Din il-Qorti jidhrilha illi fuq il-bazi tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet liberament u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------